MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 19

It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunità li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020 fit-3.00pm.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**19.1 Talba;**

19.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**19.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

19.2.1 Il-Viċi Sindku, s-Sinjura Josephine Camilleri kienet assenti mil-laqgħa.

**19.3 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv;**

19.3.1 Is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Neville Galea sabiex jirtira mil-Laqgħa sabiex jinforma lill-membri preżenti bil-proċess kollu li sar.

19.3.2 Filwaqt li nqara r-rapport iffirmat mill-Membri tal-Bord tal-Għażla fejn hemm dettaljat il-proċess kollu tal-Bord tal-Għażla, is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla temm l-intervent tiegħu billi għarraf lill-membri preżenti li l-Bord tal-Għażla qiegħed jirrakkomanda lis-Sur Neville Galea sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Fontana.

19.3.3 Wara qbil bejn il-membri, il-Kunsill approva r-rapport tal-Bord tal-Għażla u s-Sindku nkariga lis-Segretarju tal-Bord tal-Għażla sabiex jinforma bir-riżultat u jgħarraf lis-Sur Neville Galea dwar jekk jaċċettax jew mod ieħor din il-ħatra filwaqt li jagħtih erbgħa u għoxrin (24) siegħa żmien sabiex jgħarraf lill-Kunsill bid-deċiżjoni tiegħu biex il-Kunsill Lokali jkun jista' jinforma b'din id-deċiżjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u jinbeda l-proċess tal-ħatra tiegħu minnufih.

19.3.4 Is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla sejjaħ mill-ġdid lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Neville Galea sabiex jerġa' jieħu postu fil-Laqgħa u tah l-Ittra tal-Ħatra fil-preżenza tal-membri tal-Kunsill, filwaqt li fakkru li kien qiegħed jingħata erbgħa u għoxrin (24) siegħa sabiex jaċċetta jew mod ieħor bil-miktub din il-Ħatra.

19.3.5 Is-Sur Neville Galea filwaqt li rringrazzja lis-Sindku u lill-membri preżenti tal-Kunsill Lokali Il-Fontana tal-fiduċja li urew fih, informa lis-Segretarju tal-Bord li ser ikun qiegħed jirrispondi l-ittra tiegħu fil-ħin proprju.

19.3.6 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg irringrazzja liċ-Chairperson tal-Bord tal-Għażla, is-Sur Paul Buttiġieġ tal-ħidma tiegħu. Is-Sindku, u s-Sur Horace Micallef offrew li jservu fil-bord mingħajr ħlas bħas-soltu. Hu kompla billi rringrazzja ukoll lis-Segretarju tal-Bord tal-Għażla, is-Sur George Refalo, tal-ħidma tiegħu filwaqt li stiednu jirtira mis-Sala sabiex il-Laqgħa tissokta skont l-Aġenda.

**19.4 Estenzjoni tat-Terminu tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv;**

19.4.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kumunikazzjoni mid-Dipartiment rigward l-estenzjoni tat-Terminu tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv minħabba l-fatt li t-terminu preżenti se jkun qed jiskadi fit-28 ta' Settembru 2020. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex jiġi estiż it-terminu tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Neville Galea.

**19.5 Sejħiet ta' l-Offerti**

*Works Tender for the excavation of trenches and replacement of house connections in Triq il-Għajn, Fontana*

19.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand iċ-Chairman tal-Bord ta' l-Evalwazzjoni fejn issuġġerixxa li tiġi nkluża formola ta' dikjarazzjoni. Fuq talba tas-Sindku inqrat din il-formula: *I, the undersigned, hereby declare that I shall be abiding by the Technical Specifications in the Quotation Document and that where applicable I shall be substantiating the offer as submitted, through the required documents as specified in the Quotation document.*

*I accept that this procedure is regulated by Maltese Law, and I am aware of all relevant laws, acts and regulations of Malta that may in any way affect or govern the operations and activities covered by this tender and the resulting contract.*

*I also confirm that all materials/supplies used in the execution of this Contract shall derive from licensed and/or permitted Tarmac / Asphalt /Concrete Plants / Batching Plants in line with all relevant laws, acts and regulations of Malta and that if otherwise proven, either during the course of evaluation whereby further information/supporting documentation may be requested or during the execution of this contract my bid shall be nullified in line with the provisions of this Tender Document.*

Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg tenna li jaqbel li tiġi nkluża biex ikun hemm anqas problemi fl-aġġudikazzjoni. Is-Sur Horace Micallef tenna li importanti li l-Kunsill ikun qiegħed sew u l-bord għandu jerfa' r-responsabbilita'. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din il-formula tiġi nkluża fid-dokument tat-tender u jinħatru l-istess membri tal-bord ta' qabel, is-Sur William Sultana bħala *Chairman,* Dr Jonathan Mintoff, il-Perit Ġanni Saliba, s-Sur Daniel Galea u s-Sur Neville Galea bħala Segretarju tal-Bord.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-3.30 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2020.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Dep. Segretarju Eżekuttiv